# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 34**
**Rikors Guramentat Numru : 156/2016/LSO**

**Vincenza maghrufa bhala Sina Bugeja (I.D. 237357M), Alexander Bugeja (I.D. 0743151M) u l-Avukat Dottor Ann-Marie Bugeja (I.D. 556884M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Vincenza maghrufa bhala Sina Bugeja (I.D. 237357M), Alexander Bugeja (I.D. 0743151M) u Ann Marie Bugeja (I.D. 556884M) datat 26 ta’ Frar 2016 fejn Vincenza *sive* Sina Bugeja (I.D. 237357M), bil-gurament taghha ddikjarat:

Illi l-attrici Vincenza maghrufa bhala Sina Bugeja twieldet fit-12 ta' Marzu 1957, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha numru ta' Iskrizzjoni elfejn tliet mija u tlieta u sebghin tas-sena elf disa’ mija u sebgha u hamsin (2373/1957), kopja ta' liema Att tat-Twelid hija annessa u mmarkata Dok A;

Illi l-attrici Vincenza maghrufa bhala Sina Bugeja u l-attur Alexander Bugeja zzewgu fit-28 ta' Dicembru 1980 kif jidher mill-Att taz-Zwieg numru ta' Iskrizzjoni elfejn sitt mija u tlieta u sebghin tas-sena elf disa' mija u tmenin (2673/1980), u kopja tal-istess Att taz-Zwieg hija annessa u mmarkata Dok B.

Illi fis-16 ta' Novembru 1984 lill-atturi Vincenza maghrufa bhala Sina Bugeja u l-attur Alexander Bugeja twildetilhom tifla, l-Avukat Dottor Ann-Marie Bugeja, u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid taghha numru ta' Iskrizzjoni hamest elef hames mija u tmienja u sittin tas-sena elf disa’ mija u erbgha u tmenin (5568/1984), kopja ta' liema Att tat-Twelid hija annessa u mmarkata Dok C;

Illi l-attrici Vincenza maghrufa bhala Sina Bugeja minn dejjem kienet u hija konsistentement maghrufa bl-isem "Sina" , u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana anke skont ma’ jirrizulta mill-annessi

affidavits tal-atturi Vincenza maghrufa bhala Sina Bugeja u zewgha Alexander Bugeja u tal-Avukat Dottor Ann-Marie Bugeja u anke tat-tabib Anthony Fenech, hu l-attrici Vincenza maghrufa bhala Sina Bugeja, liema affidavits rispettivament qed jigu mmarkati bhala Dokumenti "D", "E", "F" u "G";

Illi hemm bzonn li fil-kolonna tal-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni Nru 2373/1957) (Dokument "A") intestat "Isem il-Wild" b'riferenza ghall-attrici Vincenza maghrufa bhala Sina Bugeja, l-isem "Vincenza" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Sina" kif fil-fatt l-attrici hija maghrufa;

Illi hemm bzonn ukoll li fl-Att taz-Zwieg (Iskrizzjoni Nru 2673/1980) (Dokument "B") fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom" b'riferenza ghall-mara, l-isem "Vincenza" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Sina" kif fil-fatt l-attrici hija maghrufa;

Illi hemm bzonn li fil-kolonna tal-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni Nru 5568/1984) (Dokument "C") fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm", l-isem "Vincenza" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Sina" kif fil-fatt l-attrici hija maghrufa;

Illi l-atturi jixtiequ jirregolaw il-posizzjoni taghhom u jeffetwaw it-tibdil necessarju sabiex l-atti ufficjali taghhom fuq imsemmija kollha jirriflettu l-kunjom li bih huma maghrufa;

Illi l-ligi ttihom din il-fakulta` *a tenur* tal-Artikolu 253(1) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghalhekk l-atturi jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna *a tenur* tal-Artikolu 253(2) (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 2373/1957 (Dokument "A") jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" l-isem "Vincenza" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Sina" kif fil-fatt l-attrici hija maghrufa;

2. Tordna *a tenur* tal-Artikolu 253 (2)(Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) illi l-Att taz-Zwieg iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 2673/1980 (Dokument "B") jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom" l-isem "Vincenza" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Sina" kif fil-fatt l-attrici hija maghrufa;

3. Tordna *a tenur* tal-Artikolu 253 (2)Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru Nru 5568/1984 (Dokument "C") jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm", l-isem "Vincenza" jithassar u minflok jitnizzel l-isem "Sina" kif fil-fatt l-attrici hija maghrufa;

4. Tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-atturi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif ghas-seduta tas-17 ta’ Mejju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 30 ta’ Marzu 2016 (fol 19) fejn eccepixxa:

1 Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b’ordni tal-Qorti, ta’ lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qegħdin isejjsu l-azzjoni tagħhom ħalli b’hekk l-esponent jkun f’qagħda aħjar li jkun jista’ jwieġeb. Kwindi f’dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent bil-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindikaw taħt liema disposizzjonijiet tal-liġi huma qegħdin jorbtu l-proċeduri istanti;

3. Illi mingħajr preġudizzju, l-esponent jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti u mill-att ta’ twelid li jġib in-numru ta’ reġistrazzjoni ta’ elfejn, tliet mija, tlieta u sebgħin (2373) tas-sena elf, disa’ mija, sebgħa u ħamsin (1957) illi kien effettivament sar xi żball fl-isem tal-attriċi li għandu jiġi kkoreġut jew li saret xi ommissjoni;

4. Illi għaldaqstant, bla preġudizzju u in kwantu tal-eċċezzjoni surreferita, l-esponent umilment jirrileva li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom, diversament minn dak indikat fir-rikors ġuramentat, jkunu msejsin fis-sens li l-attriċi kienet konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem 'Sina' u mhux 'Vincenza' hekk kif jidher fl-atti tal-istat ċivili rispettivi tagħha. B'hekk din l-azzjoni għandha tiġi msejsa abbażi ta' l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u mhux **l-Artikolu 253 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** hekk kif ġie erronjament kkwotat fil-paragrafu numru disgħa tar-rikors in risposta;

5. Illi bla ħsara, għal kull *buon fini* l-esponent qiegħed jeċċepixxi l-premess għaliex l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** tagħti l-fakulta` sabiex din l-Onorabbli Qorti, f'każ fejn persuna jġib il-provi meħtieġa, tawtorizza annotazzjoni fuq l-att tat-twelid rispettiv sabiex tali persuna tista' tiġi magħrufa b'isem ieħor, filwaqt li talba għall-korrezzjoni abbażi ta' żball, għanda tiġi msejsa taħt l-**Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Kwindi r-rikorrenti għandhom bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jitolbu l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tagħhom tiġi mibdula b'mod li t-talbiet tagħhom jkunu jistghu jiġu inkwadrati taħt il-parametri tal-**Artikolu 253 (2) u l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

6. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost u fil-mertu, f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li l-affidavits li ġew esibiti flimkien mar-rikors ġuramentat, mhumiex

biżżejjed waħidhom biex jipprovaw li r-rikorrenti Vincenza hija magħrufa bħala Sina hekk kif jeżiġi l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk magħdud mal-imsemmija xhieda tal-familjari tagħha, r-rikorrenti trid tippreżenta ukoll xi dokumenti li għandhom jikkonfermaw it-teżi tagħha ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala Sina u mhux Vincenza;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi fi kwalunkwe każ ir-Reġistru Pubbliku m'għandux jinżamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti Vincenza *stante*;

a. Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi Att ta' Twelid u ċioè is-sena elf, disa' mija, sebgħa u ħamsin (1957), ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jaffermaw il-veraċità tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi li fil-każ *de quo,* fuq l-Att ta' Twelid tal-imsemmija rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni ta' elfejn, tliet mija, tlieta u sebgħin (2373) tas-sena elf, disa' mija, sebgħa u ħamsin (1957), [*meħmuż ma' din ir-risposta bħala 'Dok DRP 1'*] kien propju missier ir-rikorrenti Vincenza, u cioè Salvatore Fenech, illi kien id-dikjarant li ta l-informazzjoni kollha li hemm kontenuta fl-imsemmi Att ta' Twelid, inkluż l-isem tar-rikorrenti, u saħansitra ffirma dan l-istess att bħala wieħed korrett, allura jidher illi aċċetta l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-att innifsu. Dan in kwantu li l-atti rispettivi qabel ma jgħaddu għar-reġistrazzjoni jiġu

mogħtija lil min ikun għamel in-notifika sabiex jiċċekja li l-informazzjoni hija koretta u jiffirma l-att. Illi għaldaqstant mar-Registru Pubbliku, l-isem tar-rikorrenti huwa reġistrat bħala 'Vincenza' għaliex tniżżel skont ma kien iddikjara missierha Salvatore Fenech, bħala d-dikjarant fuq l-att tat-twelid tagħha;

8. Illi bla ħsara, fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-isem tal-attriċi kien tnizzel ukoll bħala Vincenza fuq l-imsemmi l-Att taż-Żwieġ bin-numru tar-reġistrazzjoni ta' elfejn, sitt mija, tlieta u sebgħin (2673) tas-sena elf, disa' mija u tmenin (1980) u fuq l-imsemmi Att tat-twelid tar-rikorrenti Ann-Marie Bugeja bin-numru tar-reġistrazzjoni ta' ħamest elef, ħames mija, tmienja u sittin (5568) tas-sena elf, disa' mija, erbgħa u tmenin (1984) *in vista* tal-użanza illi l-ismijiet jitniżżlu fl-atti l-oħra tal-ħajja ċivili, skont il-mod ta' kif persuna tkun ġiet oriġinarjament reġistrata mad-dipartiment tar-Reġistru Pubbliku fl-att tat-twelid tagħha jew tiegħu. B'hekk ma jirriżultax li sar xi nuqqas min-naħa tar-Reġistru Pubbliku f'dawn l-atti l'oħra fuq riferiti u għaldaqstant m'għandux ibati l-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

9. Illi mingħajr preġudizzju, sabiex ikun hemm bdil f'kull att ieħor tal-istat ċivili a tenur tal-**Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, hekk kif ġie propost fir-raba' talba tar-rikors in risposta, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw in-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huma qegħdin jagħmlu referenza għalihom;

10. Illi inoltre, bla preġudizzju, fit-talbiet tagħhom ir-rikorrenti ma talbux sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija mitluba** minnhom fuq iċ-ċertifikati relattivi. L-esponent umilment jirrileva illi huwa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li huwa vestit bis-setgħa li jirreġistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Ċivili *a tenur* ta' l-**Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Għaldaqstant it-talbiet kif postulati mir-rikorrenti ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward għandhom issiru b'mod li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija rikjesta fuq iċ-ċertifikati relattivi;

11. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

12. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 7 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Jonathan De Maria ghall-

attrici u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Dr De Maria ippreciza u talab korrezzjoni fis-sens li qed jibbaza t-talba tieghu fuq Art 253 (2) tal-Kap 16. Dr Tanti rrimettiet ruhha. Il-Qorti ordnat korrezzjoni tat-talbiet fis-sens li fejn hemm indikat l-Artikolu 253 jinbidel u jsir Artikolu 253 (1).

Dr Tanti laqghet ghar-rikors kif korrett. Dr De Maria prezenta *seduta stante* nota b'dokumenti b'kopja lid-difensur tal-intimat, u iddikjara li ma kellux provi ulterjuri.

Il-kawza giet differita ghall-affidavits tal-intimat jekk ikun il-kaz u trattazzjoni finali ghall-20 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.; u l-verbal tas-seduta tal-Hamis, 20 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat li ddikjarat li ghalqet il-provi, u rrimettiet ruhha ghall-provi salv fuq il-kap tal-ispejjez. Deher Dr Jonathan DeMaria ghar-rikorrenti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Novembru 2016

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din it-talba qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni a*i termini* tal-**artikolu 254** tal-Kap 16 saret debitament skont il-ligi fid-29 ta' Frar 2016 (fol 15) u ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

It-tieni, r-raba' u l-hames eccezzjonijiet tal-intimat huma wkoll sorvolati bil-korrezzjoni tat-talba tar-rikorrenti awtorizzata b'digriet tas-7 ta' Lulju 2016, li ordnat korrezzjoni tat-talbiet kif dedotti fis-sens li fejn hemm indikat l-artikolu 253, dan ghandu jinqara l-artikolu 253(2) tal-Kap 16 *stante* li abbazi tieghu qed issir din il-kawza.

Illi r-rikorrenti qed titlob li isimha kif registrat fl-att tat-twelid u f'atti ohra tal-istat civili jigi korrett b'mod li minflok "Vincenza" jitnizzel l-isem "Sina", *stante* li r-rikorrenti kienet konsistentement maghrufa bl-isem "Sina" u mhux "Vincenza".

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li hi kienet maghrufa konsistentement bl-isem "Sina". Ir-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat li sa minn tfulitha kienet maghrufa bl-isem "Sina" bhala varjanza tal-isem Vincenza, ghalhekk qed tipprocedi b'dan il-kaz biex l-isem Sina jigi rifless fl-atti tal-istat civili taghha u f'dak tal-att tat-twelid tat-tifla taghha. Zewgha Alexander Bugeja stqarr b'affidavit, li meta ltaqa' mar-rikorrenti tletin sena ilu, hu sar jafha bhal Sina, hekk kif inhi maghrufa mal-hbieb u qraba, u hafna mill-posta li tircievi d-dar tkun indirizzatat lil Sina Bugeja. Bint ir-rikorrenti, l-avukat Ann Marie Bugeja, kkonfermat ukoll, b'affidavit, li ommha hi konsistentment maghrufa ma' hbieb u familjari bhala "Sina". Hu r-rikorrenti, t-Tabib Anthony Fenech ikkonferma b'affidavit, li sa minn tfulitha kienet tissejjah bl-isem Sina u ghalhekk hi konsistentement maghrufa bl-isem "Sina."

Inoltre, r-rikorrenti esebiet ukoll sensiela ta' dokumenti, fosthom certifikati edukattivi, dokumenti relatati max-xoghol taghha u artikoli fil-gazzetta fejn saret referenza ghar-rikorrenti bl-isem "Sina" (fol 33-90). Ghal dan il-ghan ukoll, esebiet kopja tal-karta tal-identita` taghha fejn hi registrata bl-isem "Vincenza k/a Sina".

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Fid-dawl tal-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija konsistentement maghrufa bl-isem "Sina" u t-talba taghha hi ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li ma hemmx zball lilu imputabbli. Aparti l-konsiderazzjoni li talba taht l-artikolu 253(2) necessarjament timporta tibdil fl-isem minhabba uzu kontinwu posterjuri ghar-registrazzjoni, lanqas jirrizulta li sar zball fir-registrazzjoni fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti u fl-att ta' twelid ta' binthom. Ghalhekk, taqbel li l-ispejjez ta' dan il-kaz m'ghandhomx jigu addebitati lill-intimat.

Ikkonsidrat li l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti, il-Qorti ghandha, fejn tista' ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.[1]

[1] Ara ad ez (Vol XXXIII pI p666)"; **Maltacom plc v Angelo Schembri** Qorti tal-Appelli Ċivili (Inferjuri) 16 ta' Diċembru 2002 (Imħallef P. Sciberras; **Salvatore Bugeja et v Maria Stella sive Stella Cini et** - AC- 30.5.2014

Hu evidenti li l-Qorti meta tilqa' t-talba tar-rikorrenti, fis-sens li tiddikjara li hi kienet konsistentement maghrufa bl-isem Sina, ghandha tipprocedi biex taghti l-ordni lill-intimat li jaghmel il-korrezzjoni mehtiega altrimenti is-sentenza taghha tibqa' minghajr effett. B'hekk din l-eccezzjoni tal-intimat hija wkoll, indirizzata u sorvolata.

Referibbilment ghad-disa' eccezzjoni, taqbel li a tenur tal-**artikolu 253(3) tal-Kap 16** ghandu jkun id-dettalji hekk indikati ghal kull att fejn qed tintalab korrezzjoni u ghalhekk ma tistax tilqa' r-raba' talba kif dedotta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, tiddikjara li r-rikorrenti kienet konsistentement imsejha u maghrufa bl-isem "Sina" u mhux "Vincenza" u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-att tat-twelid tar-rikorrenti numru 2373/1957 jigi korrett fis-sens li fil-kolonna intestata "Isem il-Wild" l-isem "Vincenza" ghandu jigi sostitwit bl-isem "Sina".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-att taz-Zwieg numru 2673/1980 jigi korrett fis-sens li fil-kolonna intestata "isem u Kunjom" l-isem "Vincenza" jigi sostitwit bl-isem "Sina".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-att tat-twelid numru 5568/1984, jigi korrett fis-sens li fil-kolonna intestata "isem

u Kunjom u Post tat-Twelid tal-omm", l-isem "Vincenza" jigi sostitwit bl-isem "Sina."

4. Tichad ir-raba' talba ghar-ragunijiet dedotti.

Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-Ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**24 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Novembru 2016**